MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 195/2006

**Joanne Cassar, Mario Caruana u David Caruana**

**vs**

**Pippa Toledo u Raphael Toledo u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Novembru 2007, il-Qorti tordna li jigu kjamati fil-kawza Dr. Michael Falzon, Silvio Falzon u Anna Maria Falzon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joanne Cassar, Mario Caruana u David Caruana, li permezz tieghu, huma ppremettew illi:

Salvatore u Antonia konjugi Calleja li mietu fit-13 ta' Marzu 1941 u l-20 ta' Marzu 1960, rispettivament, kienu l-proprjetarji tal-fond numru 57 fi Triq Amery, Tas-Sliema.

L-istess konjugi Calleja kellhom tliet ulied, Joseph Calleja, Carmela armla ta’ Carmelo Caruana, u Maria Stella Calleja li mietet xebba.

Maria Stella Calleja halliet it-terz sehem mill-proprjeta’ 57, Triq Amery, Tas-Sliema, liz-zewg hutha l-ohra, u cioe’ lil Joseph Calleja u lil Carmela armla ta’ Carmelo Caruana, u dan permezz tat-testment taghha fl-atti tan-Nutar Dr. Philip Saliba tal-24 ta’ April 1974.

Carmela Caruana mietet fis-17 ta’ Mejju tal-1978 u halliet bhala eredi lit-tfal uliedha: John, Henry u Saviour, ahwa Caruana.

Ghalhekk, il-wirt kollu tal-koppja Salvatore u Antonia Calleja, inkluz il-fond 57, Triq Amery, Tas-Sliema, gie vestit bejn zewg partijiet: Joseph Calleja minn banda u t-tliet ahwa John, Henry u Saviour Caruana, min-naha l-ohra.

Permezz ta’ kuntratt datat datat 17 ta’ Settembru 1979 iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba, hawn anness bhala Dok. “A”, saret divizjoni li permezz taghha, id-dar 57, Amery Street, Tas-Sliema, giet assenjata lill-ahwa Caruana.

It-tliet rikorrenti huma ulied John Caruana li miet fl-1 ta’ Ottubru 1986 u li hatar lit-tliet rikorrenti bhala eredi tieghu permezz ta’ testament datat 16 ta’ Gunju 1983, fl-atti tan-Nutar Dr. Philip Saliba.

Permezz ta’ kuntratt datat l-1 ta’ Ottubru 1990 u iskritt fl-atti tan-Nutar John Gambin hawn anness bhala Dok. B, saret divizjoni bejn ir-rikorrenti u z-zijiet taghhom Henry u Saviour Caruana, li permezz taghha l-fond 57, Amery Street, Tas-Sliema, “**together with its underlying basement**”, gie assenjat lir-rikorrenti.

Recentement, l-intimati abbuzivament u llegalment u minghajr ebda titolu validu okkupaw parti mill-basement tal-fond 57, Amery Street, Tas-Sliema, u qed jaghmlu uzu minnha bhala taghhom.

L-intimati gew interpellati, anke ufficjalment, sabiex jizgombraw il-parti sottostanti ghall-fond numru 57, Triq Amery, Tas-Sliema, minnhom okkupat, izda huma baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw parti mill-basement tal-fond 57, Triq Amery, f’Tas-Sliema, illegalment, abbuzivament u minghajr ebda titolu validu;

Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw kwalunkwe ambjenti sottostanti ghall-fond 57, Triq Amery, f’Tas-Sliema;

Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw l-imsemmija parti tal-basement tal-fond 57, Triq Amery, F’Tas-Sliema, ghall-istat li kien fih qabel u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti biex jesegwixxu x-xoghlijiet mehtiega ghal dan il-ghan huma stess a spejjez tal-intimati bl-opera ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta’ Dicembru 2005 kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni, u b’riserva ghad-danni li qed jigu kkagunati minhabba dan l-agir abbuziv u llegali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Pippa Toledo u Raphael Toledo, li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament illi r-rikors guramentat promotur huwa null stante li huwa neboluz u ma jindikax b’mod car u sewwa l-oggett u t-tip ta’ kawza esperita u r-ragunijiet tat-talba u kwindi l-konvenuti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Preliminarjament ukoll, illi l-atturi m'ghandhom ebda interess guridiku biex jippromwovu l-kawza de quo stante li l-proprjeta' mertu tal-kawza tappartjeni in toto lill-konvenuti li xtrawha in virtu' ta' kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela datat 14 ta' Frar 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. PT1);

L-azzjoni attrici hija perenta u ghal dan il-ghan l-atturi jridu jiddikjaraw x'tip ta' azzjoni qieghda tigi esperita;

Fil-mertu, it-talba attrici hija ghalkollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti ghandhom titolu skont il-Ligi u fil-fatt, il-proprjeta' mertu tal-kawza giet mixtriha mill-konvenuti mill-poter tal-Avukat Dr. Michael u Silvio ahwa Falzon in virtu' ta' kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela datat 14 ta' Frar 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. PT1). Da parti taghhom, l-ahwa Falzon ittrasferew lill-konvenuti dak kollu li huma (l-ahwa Falzon) kienu xtraw minghand Henry Caruana (li jigi hu missier l-atturi) permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat 10 ta' Lulju 1991 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. PT2) liema kuntratt juri bic-car li l-proprjeta' mertu ta' din il-kawza kienet giet mixtriha mill-ahwa Falzon li sussegwentement ittrasferewha lill-konvenuti. Illi jigi wkoll rilevat illi qabel ma' l-atturi xtraw il-fond de quo huma kellhom ukoll titolu ta' kera fuq l-istess proprjeta' sa minn cirka tliet snin qabel l-akkwist, liema titolu kien ukoll derivanti lilhom mill-poter tal-ahwa Falzon. Di piu', missier l-ahwa Falzon, Moses Falzon, kien ilu jokkupa, b'titolu ta' kera, il-fond mertu tal-kawza, ghal fuq minn 60 sena;

Ghalhekk: (a) kwantu ghall-ewwel talba attrici mhemmx lok ghad-dikjarazzjoni mitluba stante li l-konvenuti ghandhom titolu validu u qatt ma okkupaw tali proprjeta' llegalment, abbuzivament, jew minghajr titolu kif jallegaw l-atturi, izda din giet minnhom mixtriha u qabel ix-xiri, minnhom mikriha kif fuq spjegat u kwindi t-talba attrici ma' tista' qatt tigi akkolta; (b) kwantu ghat-tieni talba din hija wkoll infondata u mhemmx lok li huma jigu zgumbrati stante li qed jokkupaw tali proprjeta' b'titolu validu skont il-

Ligi, u (c) kwantu ghat-tielet talba mhemmx ukoll lok li l-konvenuti jigu ordnati jirripristinaw tali proprjeta';

Finalment, il-konvenuti jirribadixxu li huma ma kkawzaw ebda danni u kwindi jekk l-atturi soffrew xi danni dawn ma ghandhomx jirrispondu ghalihom l-esponenti peress li ma humiex responsabbli.

Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 2006 kontra l-atturi u bir-riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti ghad-danni kontra l-istess atturi.

Rat it-twegiba mahlufa tal-imsejha fil-kawza l-Avukat Dottor Michael Falzon u martu Anna Maria Falzon u Silvio Falzon, li in forza taghha eccepew illi:

Huma ghandhom jigu minnufih mehlusa mill-harsien tal-gudizzju u dana billi t-talbiet attrici huma guridikament insostenibbli fil-konfront taghhom anke jekk jigu milqugha u dana billi bhala fatt, l-istess imsejha fil-kawza mhumiex qed jokkupaw l-ambjenti msemmija fir-rikors mahluf promotorju;

Huma estraneji ghall-pendenza ta' bejn il-kontendenti f'din il-kawza u dana billi huma bieghu lill-konvenuti f'din il-kawza biss dak li kienu akkwistaw mill-atturi fit-titolu taghhom u dana hekk kif huma se jkollhom l-opportunita' li jippruvaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodotti.

Accediet fuq il-post.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti ahwa Caruana qed jittentaw jiehdu lura minghand l-intimati Toledo parti minn kantina sottoposta ghall-proprjeta’ taghhom f’57, Triq Amery, Tas-Sliema. L-ghan tal-kawza huwa car u ghalhekk il-Qorti qieghda minnufih tiskarta l-ewwel eccezzjoni tal-istess intimati.

Il-Qorti tiskarta wkoll it-tielet eccezzjoni li permezz taghha, l-intimati jsostnu li l-azzjoni attrici hija perenta. Ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom ma jindikaw ebda artikolu tal-ligi li fuqha qed isejsu l-eccezzjoni taghhom, fin-nota ta’ sottomissjonijiet isemmu l-Art. 2140 tal-Kap. 16 li jipprovdi ghall-preskrizzjoni akkwizittiva ta’ ghaxar snin. Il-Qorti tinnota li l-kuntratt li bih l-intimati akkwistaw il-proprjeta’ taghhom sar fi Frar 1998. Il-proceduri gudizzjarji gew intavolati fl-2006. Ghalhekk, anke minghajr ma tigi kkunsidrata il-bona fede o meno, din l-eccezzjoni wkoll ma tistax tintlaqa’.

Ghar-rigward tal-mertu, ghalhekk, il-Qorti tqis doveruz tenfasizza fil-kuntest it-taghlim prevalenti ta’ dawn il-Qrati fil-kuntest ta’ rivendika ta’ proprjeta’.

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imh. T. Mallia), fil-kawza “Direttur tal-Artijiet vs Polidano Brothers” moghtija fis-7 ta’ Lulju 2004 gabret l-insenjament komprensivament u ghalhekk il-Qorti qed tirreferi ghaliha b’mod estensiv.

“*Issa huwa veru li l-attur irid jipprova t-titolu tieghu, titolu li suppost ghandu jwassal ghall-wiehed originali, izda fid-dawl tad-diffikulta’, jekk mhux impossibilita’ (tant li tissejjah diabolica probatio) ta’ din il-prova, il-gurisprudenza u l-awturi immitigaw din il-prova li tispetta lill-attur, u l-prova rikjesta ma baqghetx mehtiega li tkun daqshekk rigida, izda ghandha tkun imqabbla ma’ dik tal-konvenut possessur. Hekk, per ezempju, il-Qorti ta’ Cassazione fl-Italia, f’sentenza moghtija fil-5 ta’ Mejju, 1962 (n.892) osservat li jekk jirrizulta li t-titolu tal-konvenut mhux wiehed ta’ min jorbot fuqu, l-attur jista’ jipprova biss*

*‘ il proprio diritto per conseguire il rilascio’. Il-principju li min ghandu titolu ahjar jirbah il-kawza, minghajr htiega li dak li jkun jipprova titolu asolut, illum jinsab assodat fid-duttrina. Gia’ fis-seklu dsatax l-awtur Francis E. Levy fil-ktieb ‘Preuve par title du Droite de Propriete Immobiliere’ kien wasal ghall-konkluzzjoni li l-proprjeta’ huwa, wara kollox, dritt relattiv, u l-gudizzju ghandu jkun bazat fuq min, f’kawza bejn il-partijiet, ikun ressaq l-ahjar prova. Awturi ohra jiddiskrivu l-azjoni rei vindicatoria bhala ‘una contraversia tra privati’ (Tabet e Ottolenghi, ‘La Proprieta”). Il-Pacifici Mazzoni(‘Istituzioni di Diritto Civile Italiano’, Vol. III, Parte I, p.465) jghid ukoll illi ‘sembra quindi che per equita’ non possa pretendersi dall’attore, se non la prova di un diritto migliore o piu’ fondato di quello del reo convenuto’.*

*Illi din it-teorija tal-prova migliore ghandha l-bazi taghha fid-Dritt Ruman, u kienet tissejjah l-actio Publiciana. Li din l-azjoni ghadha tezisti fid-dritt Malti jirrizulta mill-gurisprudenza, fosthom “Attard vs Fenech”, deciza fit-28 ta’ April, 1875 (Kollexz. Vol. XII.390) fejn intqal li: ‘Con l’azione rivendicatoria l’attore deve provare di averne il dominio della cosa che vuole rivendicare e di averla legittimamente acquistata; con l’azione publiciana deve provare di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu’ debole del suo’. Hekk ukoll din il-pozizzjoni giet ribadita fil-kawza “Fenech et vs Debono et”, deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta’ Mejju, 1935 (Kollez. Vol.XXXIX.II.488) fejn gie konfermat, fuq l-iskorta tad-Dritt Ruman, il-kumul ta’ dawn iz-zewg azzjonijiet fl-Ordinament Guridiku Malti. Kwindi, l-attur mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut. (ara wkoll “Vella vs Camilleri”, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-12 ta’ Dicembru, 2002).*”

Ara wkoll “Galea Testaferrata et vs Said et”, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Lulju 2005; kif ukoll “Buhagiar et vs Meilaq et”, deciza fl-24 ta’ Frar 2012.

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, il-Qorti ghaddiet ghalhekk biex tiskrutinja l-provi prodotti mill-partijiet rispettivament.

Jirrizulta mill-kuntratti esebiti in atti. Fis-17 ta' Settembru 1979, il-hanut Nru. 55, Triq Amery u d-dar numru 57 gew assenjati lill-ahwa John, Henry u Saviour Caruana (ara dokument a fol. 4). Fl-1 ta' Ottubru 1990, l-ahwa Caruana msemmija ghaddew biex jaqsmu l-gid taghhom. Peress illi John Caruana kien diga' mejjet, ir-rikorrenti odjerni, uliedu, gew assenjati sehem missierhom li kien jinkludi, fost proprjetajiet ohra, il-fond 57, Amery Street, Tas-Sliema "together with its underlying basement" (ara fol. 10). Il-proprjeta' Nru. 55, "together with its underlying basement underlying third party property" giet assenjata lil Henry Caruana.

Jirrizulta wkoll illi bejn il-proprjetajiet 55 u 57 tezisti proprjeta' ohra, Nru. 56 li m'ghandhiex kantina taghha u li s-sottoswol taghha jifforma parti mill-kantina taht il-hanut Nru. 55.

Jirrizulta wkoll illi l-hanut Nru. 55 kien ilu snin twal mikri lil Moses Falzon, missier l-imsejha fil-kawza. Tul il-kirja li permezz taghha ghalhekk kien qed igawdi s-sottoswol ta' numru 55 u 56, huwa talab lill-familja Caruana biex ikun jista' jaccedi ghall-parti mill-kantina tan-numru 57 biex ikollu mahzen akbar. L-inkwilin tan-numru 57 ma kellux uzu ghall-kantina u ghalhekk imbarra l-bieb ghaliha.

L-intimati Toledo akkwistaw il-hanut fl-1998 minghand ulied l-istess Moses Falzon li kienu akkwistaw minghand Henry Caruana. Issa, fil-kuntratt tal-10 ta' Lulju 1991, li permezz tieghu Henry Caruana biegh lil Falzon, hemm imnizzel li inkluz fil-bejgh "basement consists of three rooms and extends as to one room under the whole said premises number 55, another room under part of house number 56 and another room under part of house number 57. The innermost room, that is to say the fourth room is not included in the sale and belongs to house number 57" (ara fol. 28).

Madanakollu, meta l-istess Falzon gew biex ibieghu lill-intimati Toledo, dawn kienu konxji li dwar il-kamra ta' taht in-numru 57 diga' kien hemm dizgwid u ghalhekk, ghalkemm bieghu n-numru 55 b'zewgt ikmamar

sottoposti, wahda taht 55 u l-ohra s-56, ghar-rigward tal-kamra ta' taht in-nurmu 57 intqal hekk:

"*Fl-istess hin, il-bejjiegha qeghdin icedu kwalunkwe interess, dritt jew titolu ta' pussess u/jew proprjeta' fuq il-kamra fil-livell ta' kantina, accessibbli mill-fuq imsemmija kmamar, li tigi taht il-fond numru sebgha u hamsin (57), Triq Amery, Tas-Sliema.*"

Ghalhekk, il-pern kollu tal-problema jibqa' l-kwezit jekk Henry Caruana setax jghaddi lill-ahwa Falzon il-kantina ta' taht in-numru 57. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma setax. Ghalkemm il-kuntratt ta' divizjoni huwa car li jinkludi l-basement ta' taht numru 57, il-provi li gabu r-rikorrenti kkonvincew lill-Qorti li l-intenzjoni tal-ahwa Caruana fid-divizjoni kienet li r-rikorrenti jigu assenjati l-basement fl-intier tieghu.

David Caruana, li kien ippartecipa fid-diskussjonijiet kollha li wasslu ghad-divizjoni jixhed hekk:

"*David Caruana (jirreferi ghalih innifsu) asked for confirmation from Notary Gambin that it is clear that this property includes the basement underlying the said property in full. I remember clearly Notary Gambin confirming this and him telling me that the words 'with its underlying basement' is clear enough to signify this. I accepted Notary Gambin's assurance.*"

Jghid ukoll:

"*If agreement was not reached on this issue I would never have accepted to sign the division of property.*"

David Caruana jsemmi wkoll illi waqt id-diskussjonijiet dwar id-divizjoni kienu jittiehdu notamenti dwar x'kien gie miftiehem. Dawn in-notamenti kienu jigu ffirmati mill-partijiet, cioe' l-ahwa Caruana. Kopji gew esebiti in atti u jikkonfermaw l-intendiment bejn il-partijiet li l-proprjeta' jkollha s-sottoswol taghha maghha.

Henry Caruana stess, li xehed permezz ta’ affidavit jikkonferma illi:

“*Ghall-habta tal-1991 kien avvicinani Mose’ Falzon u talabni nbeghelu il-hanut u peress li kellu kera verament baxxa, jien ma rrifjutajtx. Meta ltqajna ghall-kuntratt inqalghet id-deskrizzjoni tal-fond u Mose’ Falzon kien insista li hu kien qed jixtri l-proprjeta’ kollha kif mikrija lilu. Jiena ghidtlu li kamra minnhom kienet tigi taht in-numru 57, izda hu insista li din kienet mikrija lilu wkoll u jiena ma merejtux u hallejtu jaghmel id-deskrizzjoni li ried hu.*

*Sussegwentement, il-mara ta’ hija John kienet avvicinatni u kienet staqsietni dwar il-kamra ta’ taht il-fond 57, peress li din kienu qed isiru xi xoghlijiet fuqha, u jien ghidtilha li din il-kamra Mose’ kien inkludihieli fil-kuntratt meta hu xtara minghandi.*

*Sussegwentement, it-tfal ta’ hija kienu gibduli l-attenzjoni ghall-fatt illi din il-kamra kienet tappartjeni lill-fond 57 u ma kinitx parti mill-fond 55. Iktar minn hekk kienu urewni dokument li konna ppreparajna ghall-iskopijiet tad-divizjoni li juri x’kienu t-terms of agreement bejnietna u dan id-dokument jaghmilha cara fost affarijiet ohra illi l-basement li jigi taht il-fond 57 kellu jappartjeni kollu lill-fond 57. Meta rajt dan id-dokument jiena ftakart illi dan kien il-ftehim ta’ bejnietna u ftakart ukoll li dan id-dokument kont iffirmajtu.*”

Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li Henry Caruana qatt ma seta’ jghaddi lil Falzon il-proprjeta’ li huwa ma kellux. Il-Qorti tqis pruvat b’mod sodisfacenti li l-kantina kollha ta’ taht il-proprjeta’ numru 57 giet assenjata lir-rikorrenti flimkien mad-dar permezz tal-kuntratt tal-1 ta’ Ottubru 1990 u ghalhekk ma kinitx proprjeta’ ta’ Henry Caruana meta dan biegh lill-ahwa Falzon. Konsegwentement, il-proprjeta’ qatt ma setghet tghaddi minghand Falzon ghall-intimati.

Il-kjamati fil-kawza sostnew illi huma kompletament estraneji ghall-vertenza. Jirrizulta pruvat mix-xhieda ta’ Michael Falzon mhux kontradetta illi huma, cioe’ l-ahwa

Falzon, peress illi kienu diga' konxji dwar incertezza dwar il-kantina mertu ta' din il-kawza, kienu korretti meta, fil-kuntratt li biex ittrasferew il-proprjeta' lill-intimati huma insistew li l-kamra ta' taht in-numru 57 tigi ttrattata b'mod divers. In fatti, il-fuq citata klawsola tal-kuntratt u cioe':

"*Fl-istess hin, il-bejjiegha qeghdin icedu kwalunkwe interess, dritt jew titolu ta' pussess u/jew proprjeta' fuq il-kamra fil-livell ta' kantina, accessibbli mill-fuq imsemmija kmamar, li tigi taht il-fond numru sebgha u hamsin (57), Triq Amery, Tas-Sliema.*"

Apparti milli hija altru milli indikattiva ta' incertezzi dwar titolu, tezonera lill-istess ahwa Falzon minn kull responsabilta' fil-kwistjoni. Kif tenna fix-xhieda tieghu Michael Falzon:

"*Ghamilniha cara illi ma kellna ebda interess f`dik il-kamra u ghamilniha cara li konna qeghdin nittrasferixxu biss dak li seta' kellna bhala interess fuq dik il-kamra.*"

In kontroezami jkompli:

"*Ghalhekk ghamiltha cara illi taht il-57 konna qeghdin nittrasferixxu biss kull dritt li seta` kellna u dan ghaliex ma kontx car jiena stess. Biex inkun ultra korrett. Il-57 kont ittrattajtha differenti ghaliex kont naf li kien hemm l-inkwiet bejn il-Caruana, cioe` diffikultajiet. Pero` l-intenzjonijiet tieghi kienu li nbeghulhom kull ma konna xtrajna ma kellniex pretenzjonijiet ohra u ma fadalhiex pretenzjonijiet. Nittrasferixxi kull ma konna akkwistajna bil-kuntratt tan-Nutar Gambin.*"

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ser tillibera lill-istess imsejha fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lil Dr. Michael Falzon, Silvio Falzon u Anna Maria Falzon mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet ta' Pippa Toledo u Raphael Toledo u tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u ghall-fini taghha tiffissa zmien xahrejn; tilqa' t-tielet talba u ghall-fini taghha wkoll

tiffissa zmien xahrejn. Fin-nuqqas, ir-rikorrenti qeghdin jigu awtorizzati minn issa jaghmlu huma x-xoghlijiet mehtiega a spejjez ta’ Pippa u Raphael Toledo taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba li qed jigi nominat minn issa ghal dan l-iskop, bl-ispejjez u riservi kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Pippa Toledo u Raphael Toledo.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------